**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**
***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

**SEDUTA TA' NHAR L-ERBGHA 5 TA' GUNJU, 2002**

**Numru: 1**

**Avviz Nru: 551/02 AE**

**HSBC Bank Malta plc**

**Vs**

**Rascala of Malta Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' elf erbgha mija u erbghin lira Maltija u tlett centezmi (Lm1,440.03), import ta' diversi kambjali numri 18 sa 41 (Dok A sa W) li mmaturaw.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta konvenuta giet debitament notifikata, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas dehret ghas-seduti.

Semgha lill-Prokuratur Legali Jonathan de Maria in rapprezentanza tas-socjeta attrici jikkonferma bil-gurament l-avviz tat-talba kif ukoll li l-ammont mitlub ghadu kollu dovut.

Ra d-dokumenti ezebit fl-atti.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas is-somma ta' elf erbgha mija u erbghin lira Maltija u tlett centezmi (Lm1,440.03), bl-imghax mid-data li mmaturat kull wahda mill-kambjali.

L-ispejjez kollha (inkluzi d-drittijiet legali) huma ghak-karigu tas-socjeta konvenuta.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**